# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 6.3

**Kap 6.3: Min jifforma l-katina ta' ħajjitna**

**Lezzjoni 6.3: Il-ħbieb tamparek**

**L-Għanijiet:**




**L-istudenti:**

1. Jifhmu kemm hu sew li jkollhom ħbieb.
2. Jifhmu l-importanza li jkollhom ħbieb tamparhom.
3. Jifhmu min huma l-aħjar ħbieb.

**Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:**

- karti kkuluriti
- kartonċina
- 'powerpoint' – Il-Ħbieb Tajbin
- Il-Karta ta' Taħriġ 6.3



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Aqsam lill-istudenti fi gruppi. Fi gruppi, l-istudenti iddiskutu:
  - Għaliex il-ħbieb huma importanti għalihom.
  - Għaliex hu mportanti li jkollhom ħbieb tal-età tagħhom. (ikollhom l-istess ideat tagħhom; ikunu għaddejjin mill-istess affarijiet; ma jikbrux qabel iż-żmien)
- Isma' x'ikun qal kull grupp u l-punti jistgħu jinkitbu fuq l-'Interactive Whiteboard'.



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)



1. Uri lill-istudenti 'powerpoint' b'xi mistoqsijiet dwar il-ħbieb. Ħeġġeġ lill-istudenti biex jiddiskutu dawn il-mistoqsijiet.
2. Fuq karta kkulurita l-istudenti jpinġu qalb u fuqha jiktbu talba lil Ġesù u fiha jgħidu grazzi tal-ħbieb.
3. Agħżel xi studenti biex jaqraw it-talba li kitbu. It-talb jistgħu jitwaħħlu fuq kartonċina.
4. Stieden lill-istudenti jiftħu l-ktieb tal-Attivitajiet 6.3 u wara li tispjega s-silta mogħtija għaddi għal Attività 1.

5. Spjega Attivita` 1 fejn l-istudenti jridu jagħmlu ċirku mal-kwalitajiet tajbin li għandhom il-ħbieb tagħhom. Allura tajjeb li jsir qsim ta' dak li jkun inkiteb.

6. Spjega Attivita` 2 fejn wara li l-għalliema tispjega s-sentenza ta' Ġesù, l-istudenti jagħżlu dawk il-kwalitajiet li jmorru mas-sentenza ta' Ġesù.

7. Iddiskuti Attività 3 u fiehem l-importanza li l-ħbieb veri juruna meta nkunu żbaljajna.

8. Agħlaq bit-talba tagħhom stess.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Huwa mportanti li kulħadd ikollu ħbieb tajbin.
2. Il-ħbieb irridu jkunu tamparek.
3. Jista' jkun li l-ħbieb tiegħek ikollhom xi passatemp li hu differenti minn tiegħek jew inkella jkunu jżommu ma' tim tal-futbol li hu differenti minn tiegħek.
4. Ġesù qalilna hekk: "Insejħilkom ħbieb għax is-seftur ma jafx x'għamel sidu. Insejħilkom ħbieb għax għedtilkom dak kollu li l-Missier qalli".



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal juru li għalkemm huma ta' età tenera, huma jaċċettaw id-differenzi li jaraw bejniethom, imma huma lesti li jagħrfu s-siwi tal-ħbieb ta' mparhom.



## Nitolbu

Ngħidu s-Sliema u l-Qaddisa.

